



Brussell, 23 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14841/17

Fajls Interistituzzjonali:

2017/0123 (COD)

2017/0122 (COD)

2017/0121 (COD)

2017/0113 (COD)

TRANS 514
SOC 757
EMPL 577
MI 869
COMPET 811
CODEC 1903
IA 197

RAPPORT

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Nru dok. Cion: ST 9668/17 TRANS 212 CODEC 923
ST 9669/17 TRANS 213 CODEC 924
ST 9671/17 TRANS 215 SOC 441 EMPL 342 MI 456 COMPET 450
CODEC 926
ST 9670/17 TRANS 214 SOC 440 CODEC 925

Suġġett: Pakkett dwar il-Mobbiltà I

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq

– Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni adottat l-erba' proposti fil-31 ta' Mejju 2017 b'ħala parti mill-ewwel sensiela tal-pakkett tal-mobilità. Preżentazzjoni lill-Kunsill segwiet fit-8 ta' Ġunju 2017 (punt dwar affarijiet oħra).

Objettiv prinċipali tal-proposti huwa l-infurzar aħjar tar-regoli soċjali u tas-swieq permezz ta' kjarifika, simplifikazzjoni u dispożizzjonijiet ta' kontroll irfinati. L-approċċi ewlenin tal-proposti individwali huma dawn li ġejjin:

- L-aċċess għall-professjoni u s-suq: issikkar u armonizzar tal-kondizzjonijiet tal-istabbiliment u l-ħolqien ta' kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-Istati Membri sabiex jiġu miġġielda l-hekk imsejħa kumpanniji tal-isem; it-tkabbir tal-liċenzjar obligatorju fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief; Ir-reviżjoni u s-simplifikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kabotaġġ u l-iffissar ta' standards ta' kontroll relatati; il-mixja lejn dokumenti elettroniċi;
- Ħinijiet tal-mistrieħ u t-takografi: l-introduzzjoni ta' xi flessibbiltà fid-distribuzzjoni tal-perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa sabiex tkun possibbli ċerta konċentrazzjoni kull tielet ġimgħa; it-tgħaqqid ta' din il-flessibbiltà ma' obbligu ċar tal-operaturi li jipprovdu akkomodazzjoni adegwata u mħallsa barra mill-kabina tas-sewwieq, inkluża l-possibbiltà tar-ritorn regolari lejn id-dar; l-obbligu tas-sewwieq li jikkodifika l-qsim tal-fruntieri fit-takografu sabiex ikun iffaċilitat is-segwitu tal-istandards soċjali u r-regoli tal-kabotaġġ;
- Id-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport bit-triq u dwar l-infurzar: tiġi ċċarata l-applikazzjoni ta' prinċipji tal-"istazzjonar ta' ħaddiema" billi jiġi stabbilit żmien minimu li s-sewwieq jeħtieġ li jkun qatta' fi Stat Membru (tliet ijiem fix-xahar fil-każ tat-trasport internazzjonali) sabiex japplikaw ir-regoli lokali tal-paga minima lokali u tal-leave annwali; jittejjeb l-infurzar permezz ta' listi ta' kontroll imfasslin apposta għal kontrolli fil-ġenb tat-triq, permezz ta' metodu armonizzat li jkejjel ir-riskji u permezz tal-inkorporazzjoni tad-direttiva dwar il-ħin tax-xogħol fis-suġġetti ta' kontroll obligatorju;
- Vetturi mikrija: jitnaqqsu r-restrizzjonijiet dwar l-użu ta' vetturi mikrija fit-trasport internazzjonali.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art studja l-proposti fi 17-il okkażjoni bejn l-1 ta' Ġunju u s-6 ta' Novembru 2017. Id-delegazzjonijiet kollha daħħlu riżervi ta' skrutinju ġenerali; għalhekk, waqt id-diskussjoni dwar suġġetti speċifiċi, kien hemm ammont varjabbli ta' interventi u pożizzjonijiet. Id-delegazzjonijiet DK, PL u UK daħħlu riżervi ta' skrutinju parlamentari. Id-delegazzjoni NL irreferiet għal valutazzjoni tal-impatt li kienet għaddejja fil-livell nazzjonali.

Fit-13 u l-21 ta' Ġunju 2017, id-delegazzjonijiet iddiskutew l-istudji tal-valutazzjoni tal-impatt meħmuża mal-proposti, filwaqt li rriżervaw id-dritt li jikkummentaw aktar fi stadju aktar tard. Dwar il-pilastru soċjali, id-delegazzjonijiet irrikonoxxew b'mod ġenerali l-kwalità tal-valutazzjoni tal-impatt. Madankollu, diversi delegazzjonijiet ikkritikaw is-suppożizzjonijiet fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-applikazzjoni tar-regoli tal-"istazzjonar tal-ħaddiema" fit-trasport internazzjonali. Dawn id-delegazzjonijiet kienu wkoll tal-opinjoni li l-piż tal-kontroll kien qed jiżdied aktar minħabba r-rekwiżiti ġodda dwar il-ħin tal-mistrieħ. Xi delegazzjonijiet qajmu wkoll dubji dwar kemm huma prattiċi l-perijodi ta' mistrieħ regolari fil-ġimgħa barra mill-vetturi jekk ma jkunx hemm biżżejjed spazji siguri ta' parkeġġ disponibbli. Oħrajn kienu tal-fehma li regoli aktar flessibbli dwar il-ħin tal-mistrieħ jista' jkollhom implikazzjonijiet negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq.

Fir-rigward tal-aċċess għas-suq, id-delegazzjonijiet qablu mal-istudju tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni li nuqqas ewlieni kien id-diffikultà Prattika li jiġu kkontrollati r-regoli dwar il-kabotaġġ, filwaqt li xi wħud minnhom enfasizzaw li l-piż tal-kontroll fil-prattika kien fuq għadd żgħir ħafna ta' Stati Membri fejn iseħħ l-aktar il-kabotaġġ. Xi delegazzjonijiet esprimew dubji li r-riformulazzjoni tar-regoli tal-kabotaġġ ġiet iġġustifikata mill-ammont ta' operazzjonijiet illegali, li kienu stmati bħala mhux għolja ħafna f'termini relattivi. Dawn id-delegazzjonijiet ma qablux mad-dikjarazzjoni li s-simplifikazzjoni prevista tar-regoli fil-biċċa l-kbira jiżguraw status quo fuq l-ammont ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ, peress li wħud mill-kalkoli ppreżentati ssuġġerew tnaqqis fl-attività. Dawn kienu favur għażla ta' politika fejn jogħlew l-istandards soċjali u b'mod parallel jinfetħ l-aċċess għas-suq. Grupp ieħor ta' delegazzjonijiet kienu tal-fehma opposta u pprevedew żieda konsiderevoli fl-attività ta' kabotaġġ, inkluż il-problema tal-kabotaġġ sistematiku, li huma qiesu bħala mhux xierqa sakemm l-istandards soċjali jvarjaw b'mod konsiderevoli madwar l-UE.

Filwaqt li rreferew għall-istudju tal-valutazzjoni tal-impatt fuq l-aċċess għall-professjoni, għadd konsiderevoli ta' delegazzjonijiet ikkunsidraw li l-bażi għar-rekwiżiti ta' liċenzjar għal vetturi kummerċjali ħief hija dgħajfa. Uħud marru aktar lil hinn bil-fehma li l-istudju ma appoġġax, bil-provi, il-ħtieġa li jiġu regolati l-vetturi kummerċjali ħief kollha fil-livell tal-UE. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw l-approċċ li jissaħħu r-rekwiżiti tal-istabbiliment u li tiġi limitata l-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' aċċess addizzjonali fil-livell nazzjonali. Xi Stati Membri kienu mħassba dwar it-tneħħija proposta ta' kriterji nazzjonali addizzjonali, filwaqt li rreferew għal impatt negattiv fil-livell nazzjonali speċifiku.

Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' vetturi mikrija, id-delegazzjonijiet għarfu l-impatt pożittiv mistenni fil-penetrazzjoni tas-suq għal vetturi mikrija, iżda bosta minnhom enfasizzaw li l-effetti negattivi possibbli hieġu analiżi addizzjonali. Dan it-tfassib kien relatat mal-erożjoni tat-taxxa possibbli u mal-kontrollabbiltà - it-tnejn jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet li fadal dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi mikrija u dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Xi delegazzjonijiet ma kinux konvinti mill-argument li suq aktar effiċjenti għall-kiri ta' vetturi żgur ikollu impatt pożittiv fuq l-ambjent.

II. XENARJI TAL-PRESIDENZA GĦAL KOMPROMESSI

a) Regolament (KE) Nru 1071/2009

Vetturi kummerċjali ħief

Fir-rigward tar-regolazzjoni tal-aċċess għall-professjoni għall-operaturi ta' vetturi kummerċjali ħief, il-Presidenza pproponiet kompromess li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

- Huma biss l-operaturi li joperaw **internazzjonalment** b'vetturi kummerċjali ħief (LCVs) b'piż bejn [2.5-2.8t] u 3.5t li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, peress li t-tfassib prinċipali mill-Istati Membri kien relatat mal-fatt li dawn il-vetturi jsiru aktar viżibbli fis-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq. L-istabbiliment ta' piż minimu jevita li jiġi kopert ammont kbir ħafna ta' vetturi addizzjonali u l-operaturi mingħajr preżenza fis-suq internazzjonali tat-trasport. Dan jindirizza t-tfassib tal-proporzjonalità, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv mhux neċessarju għall-operaturi li qed jużaw minivans tad-daqs ta' karozza tal-passiġġieri. Ġie propost limitu ta' bejn 2.5 u 2.8t.

- L-operaturi rilevanti li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet internazzjonali tat-trasport b'LCVs aktar mil-limitu tal-piż ikollhom japplikaw għal **liċenzja tal-UE**. L-awtorità emittenti għandha l-obbligu li tispeċifika fuq il-kopji veri awtentikati li dawn jinħarġu lil vettura jew kombinazzjoni ta' vetturi bejn [2.5-2.8t]-3.5t, sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli dwar il-kapaċità finanzjarja li huma aktar eżiġenti għal vetturi tqal.
- L-erba' **kriterji ta' awtorizzazzjoni** kollha - stabbiliment stabbli, ir-reputazzjoni tajba, il-kompetenza professjonali, il-kapaċità finanzjarja - ser japplikaw għal LCVs. Dan l-approċċ jgħid li kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi involuti fit-trasport internazzjonali, kif ukoll għall-operaturi ta' LCVs kif ukoll għal dawk ta' flotot imħallta, fejn dawn tal-aħħar ikollhom jikkonformaw mal-erba' kriterji diġà.
- Il-Presidenza pproponiet ukoll ċerti **miżuri transitorji** fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli l-ġodda sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jistabbilixxu s-sistemi amministrattivi għal-liċenzjar tal-operaturi tal-LCVs u biex l-operaturi ta' LCVs jikkonformaw mar-regoli l-ġodda.

Il-kriterji ta' stabbiliment u rekwiżiti nazzjonali addizzjonali

Il-Presidenza pproponiet kompromess li jiffaċilita l-proposta tal-Kummissjoni biex tabolixxi l-possibbiltà li l-Istati Membri jżidu rekwiżiti ta' liċenzjar fil-livell nazzjonali. Dan jipprovdi trasparenza madwar l-UE fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni. Ċerti speċifikitajiet nazzjonali jistgħu jkollhom jiġu akkomodati prinċipalment fir-rigward tal-kriterji tal-istabbiliment u għaldaqstant il-Presidenza pproponiet li żżid lista ta' kriterji ta' stabbiliment volontarji li l-Istati Membri jistgħu jitolbu flimkien ma' dawk obbligatorji jekk ikunu jixtiequ.

Barra minn hekk, il-Presidenza pproponiet formulazzjoni xi ftit aktar konkreta fir-rigward tal-kriterji ta' stabbiliment obbligatorji (p.eż. is-sostituzzjoni ta' "assi" u "persunal" b'"vetturi" u "sewwieqa") u pproponiet li żżid tnejn addizzjonali: jiġifieri, l-impriża jeħtieġ li tiġi rreġistrata f'reġistru nazzjonali ta' attività ekonomika; u tkun soġġetta għal taxxi fl-Istat Membru ta' stabbiliment.

Kapaċità finanzjarja

Il-Presidenza pproponiet li f'każ ta' flotta mħallta, ir-rekwiżiti finanzjarji aktar baxxi simili japplikaw għal-LCVs kif japplikaw għall-impriżi li qed jużaw LCVs biss. Dan jiggarrantixxi trattament ugwali bejn l-operaturi kull meta dawn jużaw LCVs. Il-Presidenza pproponiet ukoll li dan ir-rekwiżit għandu japplika biss għal vetturi taħt 3.5t, iżda mhux għall-kombinazzjoni ta' vetturi, peress li inkella l-infurzar ta' dawn ir-regoli jkun ikkumplikat.

Fir-rigward tal-prova tal-kapaċità finanzjarja, il-Presidenza pproponiet li jinżamm il-qafas legali eżistenti fejn ir-rekwiżit għal garanzija bankarja jew assigurazzjoni tista' tkun meħtieġa bħala għażla tal-amministrazzjoni, u mhux biss f'każ li l-kontijiet annwali ċċertifikati tal-impriża ma jkunux disponibbli, kif propost mill-Kummissjoni.

b) Regolament (KE) Nru 1072/2009

Operazzjonijiet ta' kabotaġġ

Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-Presidenza pproponiet li tiddefinixxi b'mod ċar fit-test legali l-bidu tal-operazzjoni ta' kabotaġġ. Id-definizzjoni proposta tippermetti li l-bidu tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ iseħħu biss wara li jkun ġie ffinalizzat il-ħatt kollu fl-Istat Membru ospitanti.

Kontrolli tal-kabotaġġ

Il-Presidenza pproponiet li m'għandu jitwettagħ l-ebda numru fiss ta' kontrolli tal-kabotaġġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Numru biżżejjed ta' kontrolli għandhom isiru abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, li jippermetti lill-Istat Membru jikkunsidra l-attività totali ta' kabotaġġ fil-pajjiż kif ukoll il-klassifikazzjoni tar-riskju ta' oqsma possibbli ta' kabotaġġ illegali. L-approċċ propost għandu jippermetti li l-Istati Membri jwettqu kontrolli tal-kabotaġġ skont is-sitwazzjoni speċifika tagħhom.

Barra minn hekk, il-Presidenza pproponiet ukoll li t-tliet kontrolli obbligatorji annwali mal-ġenb tat-triq għandhom jitħallew isiru skont l-obbligu li diġà jeżisti li jitwettqu sitt kontrolli miftiehma mal-ġenb tat-triq għal finijiet oħra skont id-Direttiva 2006/22/KE dwar l-infurzar.

c) **Regolament (KE) Nru 561/2006**

Mistrieħ regolari fil-ġimgħa fil-kabina tas-sewwieq

Il-Preżidenza ssuġġeriet li tiġi segwita l-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward ta' projbizzjoni ġenerali fuq li l-perijodu ta' mistrieħ regolari fil-ġimgħa jew perijodi ekwivalenti ta' kumpens jitqattgħu fil-kabina tas-sewwieq. Fl-istess waqt, il-Preżidenza pproponiet li tiġi introdotta eżenzjoni li tippermetti lil sewwieq iqatta' l-perijodu ta' mistrieħ regolari fil-ġimgħa fil-kabina meta din tkun mgħammra b'faċilitajiet xierqa għall-irqad għal kull sewwieq u tiġi pparkjata f'żona għall-mistrieħ xierqa li tipprovdi parkeġġ sikur u sigur b'faċilitajiet sanitarji xierqa għall-kumdità tas-sewwieq. Id-definizzjoni ta' "żona għall-mistrieħ xierqa" mbagħad jeħtieġ li tiġi definita fir-Regolament. Din iż-żona għall-mistrieħ xierqa għandha tissodisfa ċerti kriterji ta' sigurtà, ta' sikurezza u ta' servizz.

Il-Preżidenza enfasizzat ukoll li l-informazzjoni fuq dawn iż-żoni għall-mistrieħ xierqa għandha tkun faċilment aċċessibbli għat-trasportaturi u s-sewwieqa, preferibbilment minn punt uniku ta' aċċess tal-informazzjoni għall-Istati Membri kollha.

Il-vjaġġ lura d-dar u l-iskeda tal-mistrieħ fil-ġimgħa

Il-Preżidenza pproponiet li l-obbligu għal trasportatur li jipprovdu opportunità lis-sewwieq li jerġa' lura d-dar ikun iffissat f'ritmu ta' sitt ġimgħat sabiex jaħseb ukoll fit-trasportaturi minn Stati Membri periferiċi. Il-Preżidenza kkunsidrat li huwa importanti li t-terminu "dar" mhuwiex definit b'mod ristrett, peress li s-sewwieq għandu jitħalla b'ċertu grad ta' flessibbiltà u għażla.

Dwar l-iskeda tal-mistrieħ fil-ġimgħa, il-Preżidenza pproponiet li jinżamm l-approċċ attwali ta' ġimagħtejn li jirrikjedi li l-mistrieħ regolari fil-ġimgħa jittieħed mill-inqas darba kull ġimagħtejn. Il-kumpens għall-perijodu iqsar ta' mistrieħ fil-ġimgħa jista' jiġi miżjud ma' perijodu regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa jew ma' perijodu ieħor iqsar ta' mistrieħ fil-ġimgħa.

d) Regolament (UE) Nru 165/2014

L-iskop tal-informazzjoni tat-takografu

Il-Presidenza pproponiet li jiġi ċċarat fit-test li l-informazzjoni tat-takografu tista' tintuża għall-finijiet tal-verifika tal-konformità mar-regoli tal-kabotaġġ, ir-regoli dwar is-sewwieqa stazzjonati u għall-fini tad-Direttiva dwar it-trasport kombinat.

Id-dħul tal-kodiċijiet tal-pajjiżi

Il-Presidenza pproponiet li jiġi ċċarat li l-obbligu li jiddaħħal kodiċi ta' pajjiż jeħtieġ li jiġi sodisfatt wara l-qsim ta' fruntiera nazzjonali fl-ewwel waqfa ppjanata jew meħtieġa għall-iskop tal-operazzjoni tas-sewwieq jew tat-trasport. Ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu li sewwieq jieqaf wara l-qsim tal-fruntiera għall-fini uniku li jiddaħħal il-kodiċi tal-pajjiż, anki f'sitwazzjonijiet fejn sewwieq jaqsam diversi fruntieri mingħajr waqfa prevista. L-obbligu li jiddaħħal il-kodiċi mhuwiex marbut mat-tip ta' operazzjoni tat-trasport.

e) Id-Direttiva għal *lex specialis* dwar ħaddiema tat-trasport tat-triq stazzjonati u d-Direttiva 2006/22/KE

Il-kamp ta' applikazzjoni

Il-Presidenza pproponiet li jiġi ċċarat b'mod espliċitu fil-leġislazzjoni li l-operazzjonijiet ta' tranżitu ma jikkostitwixxux stazzjonar ta' sewwieqa. Barra minn hekk, il-Presidenza pproponiet li jiġi ċċarat li r-regoli ta' *lex specialis* għandhom japplikaw bl-istess mod għal sewwieqa li jwettqu attivitajiet għalihom stess.

Il-kalkolu tal-perijodi ta' stazzjonar

Il-Presidenza pproponiet li għall-fini tal-kalkolu tal-perijodu ta' stazzjonar fi Stat Membru ospitanti, jeħtieġ li jittieħed kont tal-attivitajiet tas-sewwieq li ġejjin: ħin tas-sewqan, ħin tax-xogħol, ħin ta' disponibbiltà, pawżi u ħin ta' kuljum għall-mistrieħ. Skont il-kompromess propost, il-mistrieħ fil-ġimgħa ma għandux jiġi kkalkulat fil-perijodu ta' stazzjonar.

Meta sewwieq jidħol fil-pajjiż ospitanti permezz ta' modi oħra ta' trasport, pereżempju bil-ferrovija jew bil-vapur, il-bidu tal-perijodu ta' stazzjonar għandu jiġi kkalkulat meta s-sewwieq jibda jopera l-vettura biex jitlaq minn fuq il-ferrovija jew il-vapur.

Il-Presidenza pproponiet li r-rekwiżiti amministrattivi u l-miżuri ta' kontroll għall-infurzar tar-regoli dwar l-istazzjonar fis-settur tat-trasport bit-triq għandha tiġi ppreżentata fil-*lex specialis* speċifika għas-settur b'mod eżawrjenti ("lista magħluqa"). F'każ li jkun hemm bżonn li jiġu aġġornati dawn ir-rekwiżiti jew miżuri maż-żmien minħabba żviluppi teknoloġiċi jew oħrajn simili, dan għandu jsir permezz ta' leġislazzjoni sekondarja. Dan jiggarrantixxi li r-regoli dwar l-istazzjonar huma stabbiliti fil-livell Ewropew u jiġu infurzati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha.

f) Direttiva 2006/1/KE

Il-proposta tal-Presidenza pprevediet li Stat Membru jista' jirrestrinġi l-użu ta' vettura mikrija minn Stat Membru ieħor biss għall-impriża stabbiliti f'pajjiżu stess. Stat Membru mhux se jibqa' jitħalla jirrestrinġi l-użu ta' vettura mikrija fit-territorju tiegħu minn impriża stabbilita fi Stat Membru ieħor.

Jekk Stat Membru jkun irid jirrestrinġi l-użu ta' vettura mikrija minn impriża stabbilita fit-territorju tiegħu, huwa jista' jillimita l-użu ta' kwalunkwe vettura mikrija għal perjodu konsekuttiv ta' tliet xhur fi żmien sena kalendarja. Barra minn hekk, l-Istat Membru jista' jillimita l-għadd ta' vetturi mikrija minn Stat Membru ieħor għal massimu ta' 25 % tal-flotta totali fil-proprietà tal-impriża.

Il-Presidenza pproponiet ukoll li l-eżami previst mill-Kummissjoni, mistenni ħames snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni, għandu jivvaluta l-impatti negattivi possibbli mill-użu akbar ta' vetturi mikrija fuq id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri, fuq is-sikurezza fit-toroq u fuq il-kabotaġġ illegali.

III. KUMMENTI DWAR IL-KWISTJONIJIET EWLENIN

a) Regolament (KE) Nru 1071/2009

Vetturi kummerċjali ħfief

Ħafna Stati Membri qalu li r-rekwiżiti ta' liċenzjar għall-operaturi ta' LCVs iwasslu għal spejjeż sinifikanti għal dan is-settur, filwaqt li ma kienx hemm evidenza ċara ta' ħtieġa għal intervent fil-livell tal-UE. Stati Membri oħra argumentaw li l-proposta tal-Kummissjoni pprovdiet biss reazzjoni mhux suffiċjenti għas-sitwazzjoni preokkupanti ta' attività li qed tiżdied rapidament tal-LCVs, minħabba li m'hemmx l-obbligu tal-konformità mal-kriterji l-aktar kritiċi għall-verifika ta' kemm hija tajba operazzjoni (kompetenza professjonali, reputazzjoni tajba). Huma enfasizzaw li dan is-settur jeħtieġ sorveljanza tajba u li jeħtieġ li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta mal-operaturi ta' vetturi tqal. Diversi Stati Membri qabblu l-proposta ma' soluzzjonijiet fil-livell nazzjonali fejn ir-rekwiżiti ta' liċenzjar għal LCVs bdew biss f'ċertu piż minimu.

L-Istati Membri kollha minbarra wieħed setgħu jappoġġaw is-suġġeriment tal-Presidenza li jiġu limitati r-rekwiżiti ta' liċenzjar għat-**trasport internazzjonali**. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri setgħu jappoġġaw li dan ir-rekwiżit jibda japplika minn ċertu **piż minimu**. Erba' Stati Membri ma appoġġawx din l-idea. Ħafna Stati Membri ma kellhom l-ebda pożizzjoni definita fir-rigward tal-piż minimu xieraq; huma appoġġaw il-gwida tal-Presidenza gwida ta' 2.5 sa 2.8t piż mgħobbi. Xi Stati Membri appoġġaw b'mod ċar il-limitu aktar baxx tal-piż minimu.

Fir-rigward tal-**kriterji tal-awtorizzazzjoni**, maġġoranza kbira tal-Istati Membri ppreferew l-applikazzjoni tal-erba' kriterji kollha jekk il-kamp ta' applikazzjoni jkopri biss LCVs li jaħdmu fit-trasport internazzjonali. Xi Stati Membri oħra ppreferew li, anke f'dan il-każ, tinżamm il-proposta tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, huma kellhom dubji mir-rilevanza ta' "reputazzjoni tajba" fin-nuqqas ta' sorveljanza ta' takografu ta' dan is-settur, u qiesu li l-ostaklu għal "kompetenza professjonali" huwa wisq ta' piż, u dan jirrifletti fuq ir-rekwiżiti relatati fl-Anness I tar-Regolament. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet li tkellmu ppreferew ma jemendawx l-Anness I għall-iskop speċifiku tal-vetturi kummerċjali ħfief. Stat Membru wieħed irrifjuta rekwiżit speċifiku għall-qagħda finanzjarja u qal li ser jirriżulta biss f'xogħol amministrattiv addizzjonali u mhux f'ostaklu sinifikanti.

Żewġ Stati Membri qiesu l-ammonti speċifiċi għall-kapaċità finanzjarja għadhom għoljin wisq. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri aċċettaw l-applikazzjoni tal-kapaċità finanzjarja, sakemm il-kwistjoni tal-flotot imħallta magħmula minn vetturi kummerċjali tqal u dawk ħfief tiġi ttrattata. F'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tal-erba' kriterji ta' awtorizzazzjoni, xi Stati Membri talbu għal perijodu transitorju suffiċjenti.

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri ġeneralment aċċettaw, fil-prinċipju, il-proposta fir-rigward tar-**rekwiżiti ta' rappurtar** amministrattivi ġodda marbuta mal-LCVs. Madankollu, ħafna talbu reviżjoni ta' din il-parti tal-proposta sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv (kull sentejn minflok kull sena, u biss abbażi ta' statistika disponibbli mill-ewwel) u biex titjieb iċ-ċarezza (trattament ta' vetturi eżentati).

Il-kriterji ta' stabbiliment u rekwiżiti nazzjonali addizzjonali

Filwaqt li l-parti l-kbira tal-Istati Membri qablu li l-kondizzjonijiet għal stabbiliment stabbli kif stipulat fl-Artikolu 5 tar-Regolament għandhom jissaħħu, xi wħud kellhom dubji dwar il-kondizzjonijiet u kkritikaw in-nuqqas ta' ċarezza tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-proposta tal-Kummissjoni biex jitħassar l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, li jfisser li l-Istati Membri ma jitħallewx aktar iżidu rekwiżiti ta' liċenzjar fuq il-livell nazzjonali, ġiet opposta minn diversi Stati Membri, li argumentaw li r-regoli nazzjonali tagħhom indirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi u qdew wkoll l-għan li tiġi rinfurzata r-rabta mal-pajjiż ta' stabbiliment.

Il-proposta tal-Presidenza li żżid aktar preċiżjoni u ċarezza lil xi kriterji ta' stabbiliment, u li jiġu inkorporati elementi volontarji addizzjonali fl-Artikoli 5 u 7 li kienu jirriflettu l-ispeċifitàjiet nazzjonali minflok it-tħassir tal-Artikolu 3(2), ġiet appoġġata minn maġġoranza kbira ta' Stati Membri. Madankollu, id-dettalji tal-formulazzjoni ta' dawk l-elementi komplew jiġu skrutinizzati. B'mod partikolari, għadd ta' Stati Membri ħassew li kien hemm nuqqas ta' preċiżjoni u l-kontrollabbiltà f'xi elementi, filwaqt li oħrajn riedu aktar flessibbiltà biex jinżammu l-ispeċifitàjiet nazzjonali.

Delegazzjonijiet oħra kienu favur it-tisħiħ tal-lista ta' rekwiżiti obbligatorji, eż. fir-rigward ta' assi meħtieġa u l-akkwisti lokali ta' finanzjament, pjuttost milli jiżdiedu oħrajn volontarji ġodda, għall-fini li jiġu pprovduti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-ġlieda kontra l-kumpaniji tal-isem. Xi Stati Membri osservaw ukoll li l-verifika ta' xi wħud mill-kriterji elenkati ma kinitx possibbli fil-bidu tal-operat, iżda biss meta l-kumpanija tkun diġà ġiet stabbilita.

Il-kwistjoni prinċipali ta' diskussjoni dwar il-kapaċità finanzjarja kienet it-trattament ta' **flotot imħallta**. Il-kompromess tal-Presidenza li kien jikkonsisti minn trattament ugwali għal LCVs fil-flotot tal-operaturi kollha ġiet milqugħa ġeneralment tajjeb mid-delegazzjonijiet, filwaqt li ġiet innotata l-hteġa għal xi preċiżjoni addizzjonali. Xi delegazzjonijiet kienu mħassba mill-fatt li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati kombinazzjonijiet ta' vetturi biex jiġu determinati liema limiti japplikaw. Il-Presidenza kienet tal-fehma li l-kombinazzjonijiet ta' vetturi kienu wisq varjabbli biex jittieħdu inkonsiderazzjoni għal dan l-iskop, u rreferiet għall-proposta tagħha li l-kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja tkun tindika b'mod ċar jekk tkunx allokata għal LCV li tibqa' taħt il-limitu tal-piż inkluż it-trejler tagħha, jew tkunx allokata għal vettura aktar mil-limitu tal-piż. Xi Stati Membri pproponew ammonti aktar baxxi għal LCVs minn dawk li jinsabu fil-proposta tal-Kummissjoni. Il-Presidenza ma nkludietx din il-proposta minħabba li kienet tal-opinjoni li l-flotta nnifisha (il-valur tal-assi tal-vetturi) ser tipprevedi biżżejjed kapital ta' ekwità. Żewġ Stati Membri semmew li dawn l-ammonti għandhom ikunu saħansitra oġhla.

Xi ftit delegazzjonijiet iddubitaw mir-riformulazzjoni ta' "kapital u riżervi" f'"**kapital ta' ekwità**" fil-proposta. Huma kienu jixtiequ jserrġu rashom li l-komponenti kollha ta' riżorsi proprji għad-dispożizzjoni tal-applikant jistgħu jitqiesu sabiex jiġi vvalutat ir-rekwiżit finanzjarju. Delegazzjoni waħda ssuġġeriet **indiċjar** tal-limitu finanzjarju, fid-dawl tal-istabbiltà tar-Regolament fuq bosta snin.

Fir-rigward tal-mezzi biex jipprovdu **l-prova tal-kapaċità finanzjarja**, żewġ delegazzjonijiet ma qablux mal-bidliet proposti mill-Kummissjoni, li huma qiesu li jinvolvu aktar minn sempliċi kjarifika. B'mod partikolari, dawn id-delegazzjonijiet riedu jkomplu s-sistemi nazzjonali li kienu jeħtieġu garanzija bankarja, anke f'każ ta' kontijiet annwali disponibbli, kif ukoll ir-referenza għall-assigurazzjonijiet. Il-proposta tal-Presidenza li tinżamm il-formulazzjoni attwali ta' din id-dispożizzjoni kisbet appoġġ iżda wkoll nuqqas ta' qbil, minħabba li xi delegazzjonijiet qiesu li l-proposta tal-Kummissjoni tkun ta' benefiċċju għall-kumpaniji iżgħar li jista' ma jkollhomx aċċess għal garanziji finanzjarji. Il-Presidenza kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar ħidma sabiex wieħed jara jekk dawn il-fehmiet setgħux jiġu rikonċiljati.

Dwar ir-**reġistri elettroniċi nazzjonali u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri**, id-delegazzjonijiet laqgħu b'mod ġenerali l-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, fir-rigward tar-**reġistri elettroniċi nazzjonali**, bosta minnhom enfasizzaw il-**ħtieġa li jintlaħaq bilanċ bejn id-data obbligatorja u l-ispejjeż amministrattivi tal-aġġornament regolari**, u dawn id-delegazzjonijiet argumentaw ukoll li **jenħtieġ li l-isforzi addizzjonali jiġu kkompensati minn ERRU bi prestazzjoni tajba**.¹ Xi delegazzjonijiet ikkunsidraw **ċerti settijiet ta' data eċċessivi (eż. data finanzjarja dettaljata, għadd ta' impjegati, tkejjil tar-riskju)**.

Dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, id-delegazzjonijiet laqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistruttura l-proċedura. Madankollu, kien hemm opinjonijiet differenti rigward il-passi differenti tal-proċedura. Filwaqt li xi Stati Membri talbu għal aktar trasparenza dwar ir-raġunijiet li skonthom talba għall-kooperazzjoni tista' tiġi rifjutata, u kkunsidraw bħala ta' **valur konferma tar-riċevuta ta' tali talba**, oħrajn talbu għal skadenzi itwal sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw ma' tali talbiet. Xi wħud għamlu distinzjoni skont x'tip ta' investigazzjoni tkun tinvolvi t-talba, jew ssuġġerew li jiġi espressament limitat it-tip ta' informazzjoni li jista' jintalab. Il-Presidenza kkonkludiet li bħala direzzjoni 'il quddiem, it-test għandu jispeċifika r-raġunament minimu ta' talba (eż. billi jindika l-għan tal-proċedura u jispeċifika f'dettall suffiċjenti l-informazzjoni mitluba) u/jew jispeċifika r-raġunijiet għalfejn l-għoti ta' informazzjoni jista' jiġi rrifjutat. Għandu jiġi segwit allinjament tal-formulazzjonijiet tal-proċeduri ta' kooperazzjoni (l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/22/KE u l-Artikolu 18 tar-Regolament 1071/2009).

Rigward il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, xi Stati Membri kkunsidraw li l-ispjegazzjoni tal-karattru "**mhux kummerċjali**" ta' operazzjonijiet tat-trasport għandha ssir b'mod armonizzat fil-leġislazzjoni kollha tal-UE, filwaqt li xi wħud iddubitaw jekk dan kienx prattiku. Fl-istess ħin, ġie aċċettat li jsiru sforzi biex tiżdied iċ-ċarezza ta' dan il-kunċett.

¹ Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq.

Rigward il-proposta għas-sostituzzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mill-**proċedura ta' atti delegati**, xi delegazzjonijiet ikkunsidraw li partijiet mill-annessi għar-Regolament kienu ta' natura essenzjali u għaldaqstant mhux soġġetti għal emendi permezz ta' atti delegati, u delegazzjoni waħda tkellmet kontra l-awtorizzazzjoni għal perijodu ta' żmien illimitat. Ħafna delegazzjonijiet kellhom bżonn jistudjaw aktar it-tibdil maħsub.

Kummenti tal-Kummissjoni

Il-**Kummissjoni** rriżervat il-pożizzjoni tagħha. Fir-rigward tal-LCVs, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni wera ċerta flessibbiltà rigward l-iffukar tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament fuq operaturi ta' LCVs involuti fit-trasport internazzjonali, iżda kien tal-fehma li f'dan il-każ l-applikazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti ta' liċenzjar tista' tkun ġustifikata. Huwa qies li jekk ma titkomplexx il-flessibbiltà tal-Istati Membri li jżidu rekwiżiti ta' liċenzjar nazzjonali, din tista' tiġi kkompensata billi xi wħud minnhom jiġu akkomodati fit-test tar-Regolament, dment li dawn ma jfixklux b'mod sproporzjonat il-libertà tal-stabbiliment.

b) Regolament (KE) Nru 1072/2009

Operazzjonijiet ta' kabotaġġ

Dwar l-**ammont ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ permessi jew jiem ta' kabotaġġ**, kien hemm progress limitat ħafna fil-konverġenza tal-pożizzjonijiet. Diversi Stati Membri insistew li l-kompromess futur jeħtieġ li jinkorpora l-modalitajiet għall-applikazzjoni tar-regoli dwar "l-istazzjonar tal-ħaddiema". B'mod ġenerali, intlaqgħet l-intenzjoni li jiġu ssimplifikati r-regoli tal-kabotaġġ. Madankollu, ħafna Stati Membri talbu li jinżammu s-sebat ijiem attwali ta' kabotaġġ permessi, iżda mingħajr ma jiġi limitat l-għadd ta' operazzjonijiet, filwaqt li ħafna oħrajn talbu ttnaqqis fl-għadd ta' jiem ta' kabotaġġ permessi għal sostanzjalment inqas minn ħamsa. Dawn l-Istati Membri argumentaw li l-kabotaġġ huwa temporanju min-natura tiegħu u li dan jeħtieġ li jkun garantit. Tnaqqis sostanzjali għal anqas minn ħamest ijiem kien oppost bil-qawwa mill-ewwel grupp ta' Stati Membri, li rreferew wkoll għall-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni li tvarja l-għadd ta' ġranet.

Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri li talbu tnaqqis sostanzjali tan-numru ta' jiem ta' kabotaġġ għamlu l-argument li l-proposta tal-Kummissjoni twassal għal aktar liberalizzazzjoni tas-suq permezz tat-tneħħija tal-limitu fuq l-għadd ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Xi wħud mill-Istati Membri argumentaw li m'għandha tiġi imposta l-ebda restrizzjoni fi ħdan is-suq intern jekk ir-regoli dwar il-ħaddiema stazzjonati u r-regoli l-ġodda dwar il-ħin ta' mistrieħ ser jiġu applikati, peress li dan ser jistabbilizza s-sitwazzjoni tas-sewwieqa minn pajjiżi differenti. Sett ieħor ta' Istati Membri ma qablux filwaqt li argumentaw li fatturi oħra, bħalma huma l-kontribuzzjonijiet soċjali u t-tassazzjoni, jeħtieġ li jittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll.

Diversi Stati Membri talbu salvagwardji speċifiċi biex tingħeleb il-problema ta' ċikli ta' kabotaġġ immirati u permanentement ripetuti (**kabotaġġ sistematiku**), pereżempju permezz tal-impożizzjoni ta' perijodu ta' preklużjoni ("cooling off"). Oħrajn qiesu li dan iżid ir-restrizzjonijiet għas-suq intern, huwa kumpless biex jiġi ikkontrollat u sproporzjonat meta mqabbel mad-daqs tal-problema u għalhekk opponew l-introduzzjoni ta' kwalunkwe salvagwardja addizzjonali. Maġġoranza ta' Stati Membri inġenerali għarfu li kabotaġġ sistematiku jista' jkun problema f'ċerti żoni fejn l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ huma kkonċentrati, għalkemm xi wħud enfasizzaw ukoll li ma kienet teżisti l-ebda problema sistematika ta' kabotaġġ.

L-Istati Membri appoġġaw b'mod ċar il-ħtieġa għal aktar ċarezza dwar il-**bidu tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ**. Il-maġġoranza tal-Istati Membri li għamlu intervent qablu mal-proposta tal-Presidenza li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jistgħu jinbdew fl-Istat Membru ospitanti biss wara li l-ħatt kollu tat-trasport internazzjonali jkun lest. Huma qablu li dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fir-Regolament. Għadd iżgħar ta' Stati Membri kienu favur approċċ aktar liberali li jippermetti wkoll li jsiru operazzjonijiet ta' kabotaġġ b'mod parallel mal-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali qabel il-ħatt totali fl-Istat Membru ospitanti. Fl-aħħar nett, xi Stati Membri talbu aktar preċiżjoni fid-definizzjoni ta' kabotaġġ f'aspetti oħrajn ukoll.

Id-diskussjoni dwar **Stati Membri kontigwi** ma kinitx konklużiva. Xi Stati Membri appoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni. Xi oħrajn appoġġaw il-proposta tal-Presidenza li tagħmel it-test tal-Kummissjoni aktar ċar billi tiddefinixxi "Stat Membru kontigwu" (dawk li għandhom fruntiera fuq l-art). Xi ftit mill-Istati Membri appoġġaw approċċ aktar liberali li jippermetti operazzjonijiet ta' kabotaġġ fi kwalunkwe Stat Membru ieħor għal ċertijiem. Żewġ Stati Membri appoġġaw aġġustament aktar limitat tal-istatus quo, billi l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jitħallew isiru fi kwalunkwe Stat Membru ieħor f'perijodu ta' żmien preċiż inqas minn perijodu ta' ħamest ijiem għall-perijodu tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ propost mill-Kummissjoni. Ftit Stati Membri oħra ddikjaraw li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandhom jiġu permessi biss fl-Istat Membru ospitanti fejn l-operazzjoni ta' trasport internazzjonali tkun waqfet, ċertament jekk l-għadd ta' operazzjonijiet jibqa' bla limitu matul il-jiem ta' kabotaġġ.

Kontrolli tal-kabotaġġ

Dwar il-**kontrolli tal-kabotaġġ** l-Istati Membri qablu inġenerali mal-approċċ tal-Presidenza li l-ebda għadd fiss ta' kontrolli ma kien meħtieġ. Xi wħud minnhom indikaw li ż-żieda fl-għadd ta' kontrolli "suffiċjenti" għandha issir fil-livell nazzjonali skont is-sitwazzjonijiet lokali. L-Istati Membri setgħu jappoġġaw inġenerali ż-żewġ kompromessi tal-Presidenza, billi ddikjaraw li dawn għandhom jiġu kkunsidrati f'komplimentarjetà sħiħa.

Kwistjonijiet oħra

L-Istati Membri laqgħu b'mod ġenerali l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tersaq lejn **dokumenti elettroniċi permezz ta' kontrolli fil ġenb tat-triq**, iżda xi wħud kienu mħassbin li s-servizzi ta' spezzjoni jistgħu jutilfu l-effiċjenza jekk is-sewwieq jitħalla jirreferi għal persuni oħra barra t-trakk biex jipprovdu evidenza. Fir-rigward tal-obbligu l-ġdid possibbli tal-Istati Membri li **jissanzjonaw ċerta mġiba** ta' konsenjaturi, spedizzjoniera, kuntratturi u sottokuntratturi, id-delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju speċifiċi. Xi ftit mid-delegazzjonijiet enfasizzaw li l-**parti tal-vjaġġ li ssir bit-triq f'operazzjoni ta' trasport ikkombinat** li sseħħ fi Stat Membru wieħed għandha tiġi regolata mill-istess kondizzjonijiet ta' aċċess għas-suq bħal operazzjoni ta' kabotaġġ. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-proċeduri ta' **atti delegati**, diversi delegazzjonijiet ma qablux mal-bidla fil-perijodu ta' validità tal-liċenzja Komunitarja permezz tal-leġislazzjoni sekondarja.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ddefenda l-proposta dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Huwa kkunsidra li l-argumenti dwar iċ-ċifra ta' ħamest ijiem għandhom jiġu analizzati aktar, dment li l-oġettiv tal-proposta, jiġifieri li jiġu simplifikati r-regoli u jittejjeb il-kontroll, jiġi segwit. Huwa rrikonoxxa li bis-simplifikazzjoni maħsuba l-problema ta' kabotaġġ sistematiku, li huwa kkonċentrat fi ftit Stati Membri, tista' tippersisti. Kwalunkwe salvagwardja diskussa bħala parti minn kompromess ikollha tgħaddi mit-test tal-infurzar effettiv.

c) Regolament (KE) Nru 561/2006

Mistrieħ regolari fil-ġimgħa fil-kabina tas-sewwieq

Ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri għall-proposta tal-Kummissjoni dwar projbizzjoni aktar espliċita tal-irqad fil-kabina tas-sewwieq waqt il-mistrieħ regolari fil-ġimgħa u l-perijodi ta' kumpens ekwivalenti wrew punti ta' tluq differenti ħafna bejniethom. Filwaqt li għadd kbir ta' Stati Membri laqgħu l-proposta bħala konferma ta' kif huma interpretaw ir-regoli attwali, saħansitra aktar Stati Membri ddeplorawha bħala imprattika u diskriminatorja. Dawn il-gruppi ta' Stati Membri kellhom fehmiet differenti, bħal dwar kwistjonijiet oħra ta' din il-proposta, dwar il-kapaċità tas-sewwieqa li jużaw b'mod effettiv għall-vantaġġ tagħhom il-flessibbiltajiet li jistgħu jeżistu jew jistgħu jiġu previsti fil-liġi, u ma kinux qed jaqblu dwar il-valur, u l-kontrollabbiltà, ta' kif jiġi regolat fid-dettall il-mod li bih għandu jittieħed il-mistrieħ regolari fil-ġimgħa.

Il-kompromess tal-Presidenza li ssir distinzjoni bejn mistrieħ fil-ġimgħa pprojbit fil-kabina bħala tali, u mistrieħ fil-ġimgħa permess fil-kabina meta t-trakk ikun jinsab f'żona ta' parkeġġ sigura u komda, kiseb ħafna appoġġ. Madankollu, xi Stati Membri żammew mal-pożizzjoni tagħhom ta' projbizzjoni stretta li wieħed jgħaddi l-mistrieħ fil-ġimgħa fil-kabina kif inizjalment propost mill-Kummissjoni. Żewġ Stati Membri ma kinux konvinti li r-Regolament dwar il-perijodi ta' mistrieħ għandu jintuża biex jirregola l-kriterji għaż-żoni ta' mistrieħ, u xi oħrajn ma kinux konvinti mill-valur prattiku ta' din id-distinzjoni, peress li jew ma kienx hemm "suq" għal tali żoni ta' mistrieħ, jew inkella nuqqas kbir, skont id-densità tat-traffiku f'ċerti reġjuni.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qablu li jekk l-istandards għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli, dawn għandhom jiġu kkombinati ma' possibbiltà li jiġu aġġornati permezz ta' leġislazzjoni sekondarja, u li informazzjoni faċilment aċċessibbli għandha tkun disponibbli għas-sewwieqa. Ħafna Stati Membri qablu mal-Presidenza li proċedura ta' ċertifikazzjoni ta' żoni ta' mistrieħ xierqa tista' ma tkunx meħtieġa, iżda li kien jinħtieġ sors affidabbli ta' informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' dawn iż-żoni, immonitorjat mill-amministrazzjoni. Stat Membru wieħed issuġġerixxa li tissaħħaħ il-proposta tal-Kummissjoni permezz ta' mezzi ta' kontroll effettivi, bħall-obbligu għas-sewwieq li jipprovd i evidenza ta' fejn ikun ħa l-mistrieħ regolari fil-ġimgħa. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qablu mas-suġġeriment tal-Presidenza li ma tintalabx tali dokumentazzjoni, iżda li minflok joqogħdu prinċipalment fuq l-informazzjoni tat-takografu waqt li jitwettqu l-kontrolli mal-ġenb tat-triq.

Kien hemm fehim ġenerali li f'xi żoni tal-UE l-postijiet tal-parkeġġ kienu tant iffullati li anki l-projbizzjoni tal-mistrieħ fil-ġimgħa fil-kabina ma kinitx ser ittaffi s-sitwazzjoni b'mod konsiderevoli.

Il-vjaġġ lura d-dar u l-iskeda ta' mistrieħ fil-ġimgħa

Dwar id-dritt tas-sewwieq għal **vjaġġ lura d-dar** regolari, grupp kbir ta' Stati Membri appoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni ta' ritmu ta' tliet ġimgħat. Grupp iżgħar ta' Stati Membri esprimew l-appoġġ għal 12-il ġimgħa, filwaqt li l-grupp relattivament akbar seta' jaċċetta l-proposta tal-Presidenza ta' sitt ġimgħat. Erba' Stati Membri semmew possibbiltà ta' kompromess ta' erba' ġimgħat. Stat Membru wieħed ippropona li t-test għandu jiġi emendat biex jiddikjara b'mod ċar li l-ħin għall-ivvjaġġar matul il-vjaġġ lura d-dar ma għandux jitnaqqas mill-perijodu ta' mistrieħ.

Dwar id-definizzjoni tat-terminu "dar", il-parti l-kbira tal-Istati Membri qablu mal-Presidenza li kien jinħtieġ terminu ġenerali sabiex is-sewwieq ma jkunx ristrett iżżejjed. Madankollu, tqajjem tħassib dwar il-fatt li jinħtieġ li l-obbligu jkun prattiku għall-operatur kif ukoll għal min għandu jorganizza l-iskeda ta' ħidma tas-sewwieq. Stati Membri oħra pproponew li dan għandu jkun il-pajjiż ta' stabbiliment jew il-pajjiż tal-impjieg.

Dwar l-iskeda ta' **mistrieħ fil-ġimgħa**, jiġifieri l-ħolqien ta' perijodi ta' mistrieħ itwal permezz ta' kumpensi għal perijodu ta' mistrieħ iqsar, maġġoranza ta' Stati Membri riedu jżommu l-approċċ attwali ta' ġimagħtejn pjuttost milli jersqu lejn l-erba' ġimgħat kif propost mill-Kummissjoni. Fl-istess waqt, diversi Stati Membri laqgħu l-proposta tal-Kummissjoni għall-flessibbiltà addizzjonali tagħha matul perijodu ta' erba' ġimgħat. Fir-rigward tal-kwistjoni konsegwenti ta' jekk l-Artikolu 6(3) tar-Regolament 561/2006 għandux jiġi emendat b'konsegwenza ta' dan, żewġ Stati Membri pproponew li jiżdied għal erba' ġimgħat il-limitu ta' ħin akkumulat ta' sewqan, li jikkorrispondi għal 180 siegħa matul erba' ġimgħat minflok 90 siegħa matul ġimagħtejn, iżda rċevew oppożizzjoni kbira minn xi Stati Membri oħra.

Fir-rigward ta' **kumpens għal perijodu iqsar ta' mistrieħ fil-ġimgħa**, diversi Stati Membri ppreferew li tinżamm il-flessibilità attwali tal-użu tal-kumpens flimkien mal-mistrieħ ta' kuljum kif ukoll mal-perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa. Stati Membri oħra appoġġaw il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza li tippermetti lis-sewwieqa jgħaqqdu l-kumpens, fejn il-perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa jkunu jinkludu l-perijodi iqsar ta' mistrieħ fil-ġimgħa, iżda mhux il-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum.

Kwistjonijiet oħra

Għadd rilevanti ta' Stati Membri ma setgħux jappoġġaw l-abolizzjoni ta' limitu ta' piż ta' 7.5t fl-eżenzjoni għat-**trasport mhux kummerċjali tal-merkanzija**. Wieħed minn dawn l-Istati Membri ssuġġerixxa livell limitu ġdid ta' 18t, limitu li għad irid jiġi vvalutat mid-delegazzjonijiet l-oħra. Ġie espress xi nuqqas ta' sodisfazzjon ukoll dwar it-tentattiv biex tiġi limitata t-tifsira ta' "mhux kummerċjali". Filwaqt li xi delegazzjonijiet qiesu li din hija kwistjoni kumplessa wisq biex tissolva b'mod sodisfaċenti, oħrajn qalu li tal-inqas għandu jiġi stabbilit approċċ koerenti fil-leġislazzjoni tal-UE.

Żewġ Stati Membri daħħlu riżervi ta' skrutinju speċifiċi dwar il-kodifikazzjoni tal-gwida dwar il-pawżi matul **l-operazzjonijiet multimanning**.

Id-delegazzjonijiet li tkellmu rriflettew b'mod pożittiv dwar il-proposta tal-Kummissjoni li tingħata ċerta **flessibbiltà lis-sewwieqa** biex jiddevjaw minn ċerti regoli tal-mistrieħ sabiex jaslu f'akkomodazzjoni xierqa, iżda tqajmu mistoqsijiet dwar kif jiġi evalwat jekk tali azzjoni tipperikolax is-sikurezza fit-toroq. Stat Membru wieħed esprima l-ħtieġa ta' ftit aktar flessibbiltà fir-rigward tal-ħin tas-sewqan meta jkun qed jibda l-mistrieħ regolari fil-ġimgħa.

Id-delegazzjonijiet daħħlu wkoll riżervi dwar l-użu tal-proċedura konsultattiva għall-adozzjoni ta' **atti ta' implimentazzjoni** sabiex jiddefinixxu approċċi armonizzati għall-implimentazzjoni.

Kummenti tal-Kummissjoni

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni kien strumentali għat-tentattivi tal-Presidenza biex twitti t-triq għal compromessi li jistgħu jiġu appoġġati mill-maġġoranza tad-delegazzjonijiet. Huwa żamm il-pożizzjoni tal-Kummissjoni u ddikjara b'mod ċar li l-approċċ tal-Presidenza lejn il-mistrieħ fil-kabina u l-vjaġġ lura d-dar/l-iskeda ta' mistrieħ fil-ġimgħa kien qed jiddevja sew mill-proposta tagħha, iżda li dan l-approċċ kellu l-mertu li jlaqqa' elementi differenti ta' tħassib, b'mod partikolari fir-rigward ta' żoni adatti għall-parkeġġ u għall-mistrieħ.

d) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014

L-Istati Membri appoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni li **l-informazzjoni rreġistrata fit-takografu** tiġi estiża bl-inklużjoni tal-punti ta' qsim tal-fruntieri sabiex ikun jista' jingħata segwitu aħjar għar-regoli soċjali u dawk tas-suq. F'dan il-kuntest, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw il-proposta tal-Presidenza biex **jiġu ċċarati l-finijiet tal-ġbir tal-informazzjoni tat-takografu**, filwaqt li wħud minnhom issuġġerew li jkun hemm referenza wkoll għall-monitoraġġ tal-obbligi skont ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 (aċċess għas-suq tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank). Madankollu, xi Stati Membri kienu tal-opinjoni li żieda fit-"traċċar" tas-sewwieqa, għal diversi raġunijiet, tista' tkun f'konflitt mal-interessi tal-protezzjoni tad-data, u teħtieġ attenzjoni speċjali fir-rigward tan-neċessità u l-proporzjonalità. Dawn id-delegazzjonijiet issuġġerew li tinkiseb l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, mingħajr ma tintlaħaq il-pożizzjoni ta' maġġoranza meħtieġa. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ipprova valutazzjoni ukoll.

Il-proposti tal-Presidenza dwar iż-żieda ta' speċifikazzjonijiet għat-test dwar meta u fejn is-sewwieq ikollu **jdaħħal il-kodiċi tal-pajjiżi** wara l-qsim tal-fruntiera, fl-ewwel waqfa ppjanata jew meħtieġa, kienu ġeneralment milqugħa tajjeb. Il-maġġoranza tal-Istati Membri opponew l-obbligu ta' waqfa addizzjonali għall-iskop uniku li jiddaħħal il-kodiċi tal-pajjiż, u b'hekk appoġġaw l-approċċ tal-Presidenza li jesiġi li jiddaħħal il-kodiċi tal-pajjiż f'operazzjoni ta' transitu biss f'waqfa ppjanata jew meħtieġa. Madankollu, il-minoranza tal-Istati Membri opponew dawn l-ispeċifikazzjonijiet prinċipalment minħabba kunsiderazzjonijiet ta' infurzar preċiż ħafna. Huma stennew li jkunu jistgħu jiddependu fuq twaqqit preċiż ħafna tal-informazzjoni dwar il-qsim tal-fruntieri sabiex jingħata segwitu għar-regoli soċjali, riedu li jkun hemm waqfa obligatorja għall-operazzjonijiet ta' transitu u riedu li dan l-obbligu jiġi estiż għas-sewwieqa li għadhom jużaw it-takografi analogi. Huma argumentaw ukoll li ż-żieda ta' ċerta flessibilità Prattika tista' tipprovdi inċentiv ħażin biex tiġi ttardjata l-istallazzjoni tat-takografi intelliġenti, li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa b'mod elettroniku.

Din id-diskussjoni tat lok għal dibattitu akbar dwar jekk l-**introduzzjoni** obligatorja ta' **takografi intelliġenti** fil-flotta eżistenti (l-hekk imsejħa modifika retroattiva, obligatorja sal-2034) għandhiex issir qabel, eż. b'ħames jew għaxar snin. Parti konsiderevoli mid-delegazzjonijiet li esprimew l-opinjoni tagħhom dwar il-kwistjoni kienu favur tali pass, filwaqt li oħrajn riedu jistennew l-istudju u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li jmiss. Xi delegazzjonijiet ma qablux li d-data titmexxa 'l quddiem matul in-negozjati dwar il-pakkett tat-triq, bl-argument li l-kompromess dwar ir-Regolament dwar it-Takografi ilu biss tliet snin u kien inkiseb b'diffikultà. Uħud mid-delegazzjonijiet għadhom m'esprimewx l-opinjoni tagħhom.

Stat Membru wieħed, filwaqt li rrefera għan-nuqqasijiet ta' **serje ta' data** ta' 28 jum biss fit-takografi waqt il-kontrolli tar-regoli soċjali, issuġġerixxa estensjoni tal-kopertura għal 60 jum. Delegazzjonijiet oħrajn daħħlu riżervi ta' skrutinju.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni qies li ż-żidiet proposti mill-Presidenza kienu rilevanti, parzjalment minħabba kunsiderazzjonijiet prattiċi (id-dħul tal-kodiċi tal-pajjiżi), u parzjalment għar-robustezza legali (l-ikkompletar tal-finijiet tal-għbir ta' data).

e) **Id-Direttiva għal *lex specialis* dwar ħaddiema tat-trasport bit-triq stazzjonati u d-Direttiva 2006/22/KE**

Ġenerali

L-akbar parti tad-diskussjoni dwar il-proposta ttrattat il-kwistjoni dwar jekk **ir-regoli dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema** għandhomx japplikaw għall-operazzjonijiet kollha ta' trasport internazzjonali bit-triq. Hekk kif kompli d-dibattitu dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Haddiema², ċerti elementi tad-diskussjoni daħlu fit-tħejjija tal-approċċ ġenerali għal dik ir-reviżjoni, u l-approċċ ġenerali ntlaħaq fil-Kunsill EPSCO tat-23 ta' Ottubru 2017. B'mod partikolari, it-trattament tal-operazzjonijiet tat-trasport fi transitu ġew diskussi f'dak il-kuntest, u ġie maqbul li l-bidliet għad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema għas-settur tat-trasport bit-triq jiġu applikati biss ladarba jidħol fis-seħħ il-*lex specialis*.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art kien irċieva spjegazzjonijiet mis-Servizz Legali tal-Kunsill u kontributi bil-miktub mill-Kummissjoni dwar aspetti varji tal-istazzjonar. Ħafna delegazzjonijiet taw importanza partikolari lil dawh il-kontributi, kif ukoll lid-dibattitu fil-Kunsill EPSCO inkluż dikjarazzjoni tal-Kummissjoni u l-intervent li kien sar f'dik l-okkażjoni.

Fir-rigward ta' **perijodu ta' konċessjoni** għall-applikazzjoni tal-komponenti ewlenin tar-regoli dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema, għadd ta' Stati Membri żammew l-oppożizzjoni prinċipali tagħhom għall-fatt li dawn l-istandards jiġu applikati għas-sewwieqa. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri f'dan il-grupp kienu lesti li jbiddu l-pożizzjoni tagħhom jekk il-perijodu ta' konċessjoni kien ser ikun komprensiv u stabbilit f'livell li fil-prattika jħalli lok li jittieħed benefiċċju minn din l-eżenzjoni. Dawn l-Istati Membri żiedu aktar kondizzjonijiet għal bidla fil-pożizzjoni tagħhom, pereżempju tnaqqis fl-għadd tal-istandards soċjali u r-rekwiżiti amministrattivi li japplikaw.

² Id-Direttiva 96/71/KE.

Grupp iżgħar ta' Stati Membri qasmu t-tħassib minħabba s-sitwazzjoni partikolari tagħhom ta' periferiċità jew traffiku transkonfinali qawwi. Min-naħa l-oħra, grupp ieħor ta' Stati Membri, insistew fuq l-applikazzjoni tar-regoli kollha dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema mid-dħul fit-territorju tagħhom minn sewwieqa minn Stati Membri oħra tal-UE, jew ftit wara, u dawn kienu kontra l-eżenzjoni tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Fil-prinċipju, id-delegazzjonijiet qablu mal-Kummissjoni li jekk jiġu applikati r-regoli dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema, kien meħtieġ *lex specialis* biex jaqdi l-ispeċifiċitajiet tas-settur tat-trasport bit-triq u sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi għall-kontrolli fil-livell tal-Istati Membri ospitanti. Deher li l-maġġoranza tal-Istati Membri kienu primarjament imħassba dwar iż-żieda fil-piż amministrattiv li tirriżulta minn dawk ir-regoli, inkluż il-burokrazija enormi meħtieġa biex jiġu ttrattati r-regoli dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema, filwaqt li fl-istess ħin appellaw għal azzjoni fil-ġlieda kontra l-kondizzjonijiet tax-xogħol inumani ta' ċerti sewwieqa.

Kamp ta' applikazzjoni

Fir-rigward tat-**transitu**, maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet li hađu pożizzjoni qablu mal-fehma tal-Presidenza li ma jiġux stazzjonati sewwieqa matul operazzjonijiet ta' transitu. Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet esprimew ukoll il-preferenza tagħhom li s-sitwazzjoni ta' transitu tiġi indirizzata fit-test legali (fid-Direttiva prinċipali jew inkella fil-*lex specialis*). Stat Membru wieħed esprima fehma ċara li s-sewwieqa jiġu stazzjonati wkoll f' sitwazzjoni ta' transitu.

Id-diskussjoni dwar il-**parti tal-vjaġġ li ssir bit-triq f'operazzjoni ta' trasport ikkombinat** ma kinitx konklużiva, minħabba li għadd konsiderevoli ta' Stati Membri ppreferew janalizzaw din il-kwistjoni wara l-preżentazzjoni tal-proposta għall-emenda tad-Direttiva rilevanti.³ Oħrajn riedu jżommu stampa komprensiva tal-operazzjoni internazzjonali, u mhux jaqsmuha f' sezzjonijiet differenti għall-fini li jiġu applikati r-regoli dwar l-istazzjonar. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet li esprimew il-fehma tagħhom qablu mal-preokkupazzjoni tal-Presidenza li s-sitwazzjoni teħtieġ li tiġi ċċarata b'xi mod jew ieħor.

Is-suġġeriment tal-Presidenza li d-derogi tal-*lex specialis* jiġu estiżi għal **operazzjonijiet (trasport bit-triq) għall-kont proprju** kif definit fid-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema ġie appoġġat minn xi Stati Membri, filwaqt li oħrajn kellhom bżonn ta' aktar żmien biex jivvalutaw l-implikazzjonijiet ta' emenda bħal din.

³ Id-Direttiva 92/106/KEE.

Id-diskussjonijiet dwar il-**kalkolu tal-perijodi ta' stazzjonament** b'mod ġenerali mxew f'żewġ direzzjonijiet. Għadd konsiderevoli ta' Stati Membri appoġġaw l-approċċ tal-Kummissjoni li jintuża perijodu ta' referenza ta' sitt sigħat għall-kalkolu ta' nofstanhari u jiem sħaħ. Grupp ieħor ta' Stati Membri, ukoll konsiderevoli, ried li jitqies l-ammont attwali ta' sigħat mgħoddija fl-Istat Membru ospitanti, fejn "jum ta' preżenza" jintlaħaq biss wara li jkun għadda kwalunkwe perijodu ta' 24 siegħa. Fir-rigward tal-inklużjoni tal-perijodi ta' mistrieħ u l-perijodi ta' disponibbiltà, is-suġġeriment tal-Presidenza li jiġu esklużi mill-kalkolu l-perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa ma kienx appoġġat mill-maġġoranza. Min-naħa l-oħra, ftit Stati Membri riedu jmorru lil hinn minn dan u jeskludu wkoll il-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u l-ħinijiet tad-disponibbiltà mill-kalkolu.

Saret diskussjoni simili għal dik dwar it-twaqqit tar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar il-qsim tal-fruntieri fit-takografu dwar **kif għandha tingħadd il-preżenza skont ir-regoli tal-istazzjonar meta t-trakk ikun daħal fl-Istat Membru ospitanti bil-ferrovija jew bil-vapur**. B'mod ġenerali d-delegazzjonijiet appoġġaw is-suġġeriment tal-Presidenza li l-istazzjonar jibda fil-port jew l-istazzjon tal-wasla. Żewġ Stati Membri esprimew il-preferenza tagħhom li ssir referenza għall-mument meta s-sewwieq l-aħħar iħalli l-port jew l-istazzjon tal-wasla. Stat Membru wieħed insista li l-kalkolu jeħtieġ li jibda fil-fruntiera, u ma jkunx jiddependi fuq il-mezz ta' trasport. Id-diskussjonijiet ma kinux konklużivi dwar kif kellu jiġi ttrattat il-ħin (ta' disponibbiltà jew ta' mistrieħ) li s-sewwieq jgħaddi fuq vapur jew fuq ferrovija, pereżempju jekk għandhiex tingħata ċerta flessibbiltà lis-sewwieq biex jalloka dawk il-perijodi għall-pajjiż li hu jitlaq minnu jew jidħol fih.

Rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll

Maġġoranza kbira ħafna tal-Istati Membri li tkellmu esprimew ix-xewqa li jkun hemm "lista magħluqa" ta' **rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll** għall-infurzar tar-regoli dwar l-istazzjonar fis-settur tat-trasport bit-triq ippreżentati fil-*lex specialis*. Dawn l-Istati Membri argumentaw li lista eżawrjenti ta' regoli armonizzati fl-Istati Membri kollha tiżgura li l-operazzjonijiet jitwettqu bl-inqas xkiel possibbli f'dan is-settur li huwa mobbli ferm u essenzjalment internazzjonali. Dawn tkellmu wkoll favur li din in-natura esklużiva ssir aktar espliċita fid-Direttiva u kkunsidraw il-possibbiltà li l-leġislazzjoni tista' tipprevedi att ta' leġislazzjoni sekondarja għall-aġġornament tal-lista ta' rekwiżiti u miżuri ta' kontroll skont l-iżviluppi teknoloġiċi fil-kontroll u fit-trasport.

Ftit Stati Membri esprimew l-appoġġ tagħhom għal lista mhux eżawrjenti. Xi żewġ Stati Membri żammew il-pożizzjoni tagħhom peress li kienu mħassba li l-lista ma tkunx tipprovdi l-elementi kollha mixtieqa.

Dwar il-kontenut tal-lista, żewġ Stati Membri għamlu suġġerimenti konkreti sabiex titqassar il-lista tal-elementi ta' kontroll proposta mill-Kummissjoni għall-kontrolli mal-ġenb tat-triq u li xi elementi ta' investigazzjoni jimxu għat-tieni fażi ta' infurzar transkonfinali permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva u kontrolli fl-istabbilimenti. Dawn is-suġġerimenti ġew milqugħa minn xi Stati Membri. Madankollu, oħrajn insistew fuq l-importanza partikolari tad-disponibbiltà ta' dikjarazzjonijiet ta' stazzjonar aġġornati, filwaqt li l-opinjoni ta' kienu maqsuma dwar l-utilità li l-karti tas-salarju jiġu kkontrollati mal-ġenb tat-triq, peress li dawn ikopru perijodi fl-imġhod u fihom differenzi fil-format, il-kontenut u l-lingwa. Matul id-diskussjoni, il-konsiderazzjonijiet ewlenin kienu l-ħtieġa li l-persunal tal-ispezzjoni jingħata dokumenti li jistgħu faċilment jiġu vvalutati u li jkollu bażi biex jieħu deċiżjonijiet fuq il-post, inkluż permezz tal-użu ta' sistemi ta' informazzjoni modernizzati, filwaqt li oħrajn qablu li d-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu biss wara l-kontrolli fl-istabbilimenti.

Kwistjonijiet oħra

Żewġ Stati Membri esprimew tħassib dwar l-applikazzjoni Prattika u l-infurzar tar-regoli dwar l-istazzjonar għal **operaturi ta' trasport u sewwieqa mhux tal-UE**. Peress li huma jqisu impossibbli li japplikaw u jinfurzuw ir-regoli tal-istazzjonar fil-prattika, l-operaturi ta' trasport mhux tal-UE jistgħu jsibu ruħhom f'pożizzjoni aktar favorevoli mit-trasportaturi tal-UE.

Sistema li tkejjel ir-riskju fid-Direttiva 2006/22/KE

Filwaqt li maġġoranza solida, fil-prinċipju, appoġġat l-approċċ tal-Kummissjoni biex tittejjeb is-sistema tal-klassifikazzjoni tar-riskju taħt id-direttiva tal-infurzar, xi Stati Membri esprimew kawtela u talbu biex l-ewwel tingħata importanza għall-implimentazzjoni sħiħa tas-sistemi tal-klassifikazzjoni tar-riskju fil-livell nazzjonali. Bl-istess mod, ħafna Stati Membri talbu għal perijodu ta' transizzjoni. Xi żewġ Stati Membri kellhom dubji wkoll dwar il-kriterji ta' privileġġ proposti għal trakkijiet b'"takografi intelliġenti" jew raw diffikultajiet biex jiġi kkalkulat ir-riskju f'sitwazzjoni fejn l-operaturi ta' trasport jużaw ħafna vetturi mikrija.

Kontroll tad-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol

Ħafna Stati Membri stennew li jkun hemm diffikultajiet prattiċi jekk il-kontrolli obbligatori mal-ġenb tat-triq ikollhom ikopru l-konformità mad-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol⁴. Il-Kummissjoni spjegat li kienet ġiet ikkunsidrata riformulazzjoni ta' partijiet mid-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli, iżda din attwalment ma kinitx fattibbli minħabba nuqqas ta' appoġġ min-naħa tas-sħab soċjali.

Il-Presidenza mbagħad issuġġeriet, sabiex jinstab mod kosteffettiv biex jiġi żgurat l-infurzar tad-direttiva dwar il-ħin tax-xogħol, li r-rekwiżiti ta' kontroll ikunu limitati għal kontrolli fl-istabbilimenti tal-operaturi ta' trasport. Dan jibbilanċja tajjeb l-għan li jissaħħaħ l-infurzar tad-direttiva dwar il-ħin tax-xogħol mat-tħassib li l-livelli minimi ta' kontroll mal-ġenb tat-triq jistgħu jkunu ineffettivi. Id-delegazzjonijiet qablu ma' din id-direzzjoni.

Kummenti tal-Kummissjoni

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni kien ta' għajnuna ħafna fit-tentattivi biex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet kumplessi u d-dubji dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema għas-settur tat-trasport bit-triq. Huwa pprova appoġġ għal għadd ta' inizzjattivi tal-Presidenza biex jiġi ċċarat it-test b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjonijiet koperti mir-regoli dwar l-istazzjonar u biex il-kalkolu tal-perijodi jsir iktar operazzjonali, filwaqt li insista fuq il-prinċipji tal-proposta. Dawn il-prinċipji jinkludu b'mod partikolari l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema, b'ċerti derogi, u t-teħid fil-kont tal-kalkolu tal-istazzjonar tal-perijodi kollha marbuta mal-perijodi ta' xogħol. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni kkonferma li t-transitu ma jikkostitwixxix sitwazzjoni ta' stazzjonar. Huwa qal ukoll li f'dak li jirrigwarda r-rekwiżiti amministrattivi u l-miżuri ta' kontroll, dawn ir-regoli għandhom ikunu kompletament u b'mod eżawrjenti armonizzati fil-livell tal-UE (jiġifieri "lista magħluqa"). Huwa mbagħad qies li, filwaqt li t-tisħiħ tal-infurzar tad-direttiva dwar il-ħin tax-xogħol kien għan importanti, il-mezzi tal-infurzar għandhom iqisu r-restrizzjonijiet prattiċi.

⁴ Id-Direttiva 2002/15/KE.

f) **Id-Direttiva 2006/1/KE**

Dwar il-proposta li tintroduċi aktar flessibbiltà fl-użu transkonfinali ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, għadd ta' Stati Membri żammew ir-riżervi tagħhom b'rabta mal-possibbiltà ta' erożjoni tat-taxxa fuq il-vetturi. Dawn l-Istati Membri laqgħu l-kompromess tal-Presidenza li jitnaqqas il-**perijodu minimu** ta' ċirkolazzjoni permessa għal tliet xhur (flok erbgħa), iżda xi wħud minnhom ippreferew tul ta' xahrejn jew saħansitra xahar biss. Bl-istess mod, id-delegazzjonijiet laqgħu s-suġġeriment tal-Presidenza li l-Istati Membri jkunu jistgħu jillimitaw il-proporzjon ta' vetturi mikrija fil-flotta globali tal-vetturi fil-pussess, filwaqt li xi delegazzjonijiet kellhom bżonn jagħmlu skrutinju ulterjuri taċ-ċifra rilevanti, u delegazzjoni waħda riedet li l-limitu jiġi applikat għall-flotta globali li tkun qed tintuża mill-intrapriża. Erba' Stati Membri rrifjutaw il-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li oħrajn laqgħu l-proposta kif inhi, filwaqt li rreferew għal-liberalizzazzjoni diġà introdotta fil-livell nazzjonali. Stat Membru wieħed ippropona li Stat Membru għandu jitħalla jillimita l-użu ta' vetturi mikrija li huma inqas minn ċertu limitu ta' piż. Żewġ Stati Membri esprimew fehmiet differenti dwar it-tħassir propost ta' restrizzjoni ta' piż għal vetturi mikrija li jintużaw għal **operazzjonijiet ta' trasport għall-kont proprju**.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet laqgħu l-proposta tal-Presidenza fir-rigward tal-faċilitazzjoni tal-**kontroll tal-limiti ta' żmien li fadal**. Għal xi delegazzjonijiet, kien għad baqa' riskji konsiderevoli fir-rigward tal-kontroll ta' regoli oħrajn, b'mod partikolari l-kabotaġġ, u xi oħrajn ukoll kienu mħassba dwar il-fatt li l-vetturi jimxu minn kuntratt għal ieħor, u dwar il-piż maħluq mill-infurzar ta' aktar ksur transkonfinali. Stat Membru wieħed qies xieraq li r-regoli jeżiġu b'mod espliċitu r-**reġistrazzjoni** kif suppost tal-vetturi mikrija fl-UE.⁵

Ħafna mid-delegazzjonijiet kienu lesti li jsegwu lill-Presidenza fir-riformulazzjoni tal-kondizzjonijiet li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi mikrija li kienu tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni fi Stat Membru ieħor b'mod ordnat u **mikrija minn intrapriża stabbilita fi Stat Membru ieħor**. Madankollu, peress li tressqet proposta devjanti minn Stat Membru wieħed, għadd rilevanti ta' Stati Membri kien għad kellhom bżonn isibu l-pożizzjoni tagħhom dwarha.

⁵ Ara d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE.

Fl-aħħar nett, il-proposta tal-Preidenza li ċerti riskji li jifdal jiġu indirizzati permezz ta' **rieżami mill-Kummissjoni** ħames snin wara l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda, intlaqgħet tajjeb mid-delegazzjonijiet.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni esprima riżerva ġenerali u wera li hu dispost lejn il-formulazzjoni ta' ċerti salvagwardji fil-proposta.

IV. KUNSIDERAZZJONIJIET GĦAL AKTAR ĦIDMA

Il-Preidenza Estonjana għamlet progress konsiderevoli f'ħafna aspetti tas-swieq u l-pilastru soċjali tal-ewwel pakkett dwar il-mobbiltà. L-eżitu tal-ħidma tagħha jirrappreżenta bażi solida għal diskussjonijiet futuri. L-erba' fajls imxew b'mod parallel, u l-bini ta' kompromess fost l-Istati Membri avvanza f'xi uħud aktar milli f'oħrajn.

B'mod partikolari, il-ħidma teknika fuq il-proposti dwar l-aċċess għall-professjoni (fir-rigward tal-kriterji tal-istabbiliment u l-LCVs), dwar il-vetturi mikrija u dwar it-takografi hija avvanzata sew. Il-Preidenza temmen li l-kompromessi possibbli jistgħu jintlaħqu.

Tinħtieġ aktar ħidma b'rabta mal-proposta dwar il-ħinijiet tal-mistrieħ biex jinstab kompromess xieraq għal kulħadd. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jidhru li jaqblu mad-direzzjoni tal-kompromess, filwaqt li għadd ta' oħrajn għad għandhom tħassib sostanzjali. Biex isir progress, jinħtieġ li jiġu żviluppati emendi konkreti.

Il-proposti dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport bit-triq u dwar l-aċċess għas-suq l-aktar li ser jirrikjedu ħidma. Ma tantx sar progress s'issa, peress li dawn il-fajls huma politiċi ħafna u marbuta ma' xulxin mill-qrib. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri ddikjaraw li għad m'għandhomx pożizzjonijiet uffiċjali. Kumplikazzjoni oħra tirriżulta mill-interrelazzjoni bejn il-ħidma leġiżlattiva fuq l-emendi għad-direttiva ġenerali dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, fejn l-approċċ ġenerali tal-Kunsill ġiet adottata biss fis-23 ta' Ottubru 2017 u t-trilogi bdew reċentement.

Il-ħidma fil-korpi preparatorji taħt il-Preidenza Estonjana kkonfermat il-vantaġġ li jinżamm approċċ koerenti u parallel bejn l-elementi differenti tal-pakkett.

V. KONKLUŻJONI

Wara l-laqqha tiegħu tat-22 ta' Novembru 2017, il-Coreper jistieden lill-Kunsill biex jieħu nota tar-rapport bil-ħsieb tat-tħejjija ta' aktar progress fir-rigward tal-proposti tal-pakkett.
